MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Rikors Kongunt Numru. 608/2013

**AB**
**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew :

1. Illi huma zzewwgu f'Malta fil-Knisja ta' San Alwigi, B'Kara fl-ghoxrin ta' Settembru tas-sena elf disa' mija hamsa u sebghin (1975) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv ta' elfejn mija u erbatax sbarra elf disa' mija u hamsa u sebghin (2114/1975) (Certifikat taz-zwieg hawn annessa u mmarkat Dok. A);

2. Illi minn dan iz-zwieg taghhom, twieldu Karen, Keith u Kylie ahwa B, li llum il-gurnata ghandhom sitta u tletin

(36), erbgha u tletin (34) u sitta u ghoxrin (26) sena rispettivament.

3. Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Camilleri tad-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) (Kopja awtentika tal-istess qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. B);

4. Illi l-esponenti jiddikjaraw illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

5. Illi l-esponenti jiddikjaraw ukoll illi m'ghad hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment skond ir-rinunzja ghall-istess bejn il-partijiet f'Klawsola 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni (Dok. B), oltre mill-fatt illi l-manteniment li kien jithallas lill binthom Kylie waqt li kienet ghadha studenta tal-Universita` illum ma baqghax fis-sehh wara li bdiet l-impieg regolari taghha madwar tlett (3) snin ilu, skond Klawsola 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni (Dok. B);

6. Illi, ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mill-ligi biex jinghata d-divorzju;

7. Illi l-partijiet ftehmu illi l-ispejjez kollha legali u gudizzjarji ikunu a karigu esklussiv ta' A B;

8. Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul;

Talbu, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;
3. Tordna illi l-ispejjez kollha ta' din il-procedura, kemm legali kif ukoll gudizzjarji ikunu a karigu ta' Ao B;

Rat ir-rikors kongunt ta' A sive Lino B u ta' C B ;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Jannar, 2014 ;

Rat l-affidavit bix-xiehda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex iz-zwieg tal-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Ottubru 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprovaw wkoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------